# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Frar, 2002 .**

**Citazzjoni numru : 41/1997G1(PC)**

Giovann u Jennifer konjugi Cini .

VS

Anthony u Mary-Rose konjugi Farrugia .

Il-Qorti ;

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :**

**Illi huma ghandhom jiehdu minghand il-konvenuti s-somma ta' elf u ghaxar liri maltin (Lm1010), bilanc lilhom dovut ta' xoghol ta' tikhil u tibjid u xoghol iehor affini, kif ukoll bhala spejjez in konnessjoni ma' xiri ta' materjal, liema xoghol sar mill-attur, Giovann Cini, fuq inkarigu tal-konvenuti go flats f"Marsalforn u fir-Rabat, Ghawdex .**

**Illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu bilanc minnhom dovuti ta' Lm1,010, dawn baqghu inadempjenti .**

**Talbu lil din il-Qorti tghid ghaliex il-konvenuti ma ghandhomx jigu :**

1. **Ikkundannati ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, li jhallsu lill-atturi l-bilanc lilhom dovut ta' elf u ghaxar liri (Lm1,010) skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti "A" u "B" .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Awissu 1996, u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha huma debitament imharrka . Bl-imghaxijiet skond il-ligi .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Giovann Cini .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' d-dokument "A" kont tax-xoghol dovut, u d-dokument "B", ammonti ta' flus illi gew imhallsa .**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi :**

**1.. Preliminarjament illi huma ma humiex il-legittimi kontradittturi tal-attur peress illi x-xoghol esegwit mill-attur ma sarx fuq inkarigu taghhom .**

**2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal premess ix-xoghol esegwit sar fuq il-karigu tal-Kumpanija H & C Developments Limited, u ma giex esegwit skond il-ftehim tant illi l-istess kumpanija kellha tkompli x-xoghol pattwit permezz ta' terzi .**

**Ghalhekk tapplika fil-konfront tal-attur l-"exceptio inademplete contractus" .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Anthony Farrugia .**

**Rat il-verbali tax-xhieda prodotti, u d-dokumenti esebiti waqt is-smiegh ta' din il-kawza, cioe' memorandum articles of association tas-socjeta H & C Developments Limited, gie esebit bhala dokument AF 1, mill-konvenut Anthony Farrugia .**

**Innutat illi din il-kawza kienet giet differita ghal-lum ghas-subizzjoni tal-konvenuti .**

**Billi l-istess konvenuti msejha tlett darbiet naqsu illi jidhru ghas-seduta tal-lum, il-Qorti ghal hekk fethet l-istess kapitoli, liema kapitoli jaqraw illi :**

**Kapitoli ta' l-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenuti, li bihom huma jridu jippruvaw li huma kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' elf u ghaxar liri maltin (Lm1010) dovuti lilhom ta' xoghol ta' tikhil u tibjid u xoghol iehor affini bhala spejjez f'xiri ta' materjal .**

**Il-Qorti ghal hekk tqis dawn il-kapitoli ammessi skond il-ligi, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti ta' l-istess konvenuti, peress ukoll minn dokument CG 1, esebit mill-atturi fis-16 ta' Novembru, 2000, jirrizulta wkoll illi kienet saret skrittura ta' appalt bejn il-konvenut Anthony Farrugia minn naha u l-attur Giovanni Cini minn naha l-ohra, iffirmata mill-istess partijiet . Jidher illi hemm ragunijiet bizzejjed ghaliex il-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, illi x-xoghlijiet kienu gew ordnati mis-**

**socjeta' H & C Company Limited u mhux mill-konvenuti personalment, u dana peress illi minn skrittura esebita bhala dokument CG 1, jirrizulta illi ma kien hemm ebda riserva bejn il-partijiet ghal min qeghdin isiru x-xoghlijiet, imma deher fuq l-istess skrittura, kif gia' inghad, il-konvenut Anthony Farrugia nnifsu .**

**Il-Qorti ghal hekk tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf u ghaxar liri maltin (LM1,010), rapprezentanti bilanc dovut ghal xoghol maghmul mill-attur Giovann Cini fuq inkarigu taghhom .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Awissu, 1996, kollox kontra l-konvenuti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S4197G1(Pc)